# SAN SEBASTJAN FL-ARTI MALTIJA

*(Siltiet mid-diskors tas-Sur Mario Buhagiar fl-Akkademja Musiko-Letterarja li saret fil-Knisja Parrokkjali ta' San Sebastjan nhar il-5 ta' Jannar 1986 biex tfakkar il-50 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa. Dawn is-siltiet jirrigwardaw lil Ħal Qormi)*

"Fis-snin 1813-1814 il-gżejjer Maltin ġarrbu epidemja tal-biża oħra tal-pesta. Ħal Qormi kien wieħed mill-irħula l-aktar milquta għax nafu li mir-raħal mietu ta' l-inqas 723 ruħ. Il-Qriema irrikorrew lejn San Bastjan u waqqfu f'ġieħu f'lokal, li dak iż-żmien kien f'tarf ir-raħal, statwa tal-ħaġar fuq pedestal għoli. Ħadmuha l-aħwa Francesco u Girolamo Fabri mill-Birgu li kienu ġejjin minn familja li kellha tradizzjoni twila fit-tinqix tal-ġebla Maltija bħalma tixhed l-iskultura li naraw f'ħafna mill-parroċċi u knejjes oħra qodma f'Malta. L-isqof Ferdinando Mattei, fl-1816, żejjen din l-istatwa b'indulġenza ta' 40 jum lil kull min jirreċita Pater, Ave u Glorja quddiemha. Din ix-xbieha bdiet dlonk tgawdi devozzjoni kbira u meta l-inħawi ta' madwarha bdew jinbnew u nħasset il-ħtieġa ta' Knisja filjali biex taqdi lill-abitanti ta' dan id-distrett ġdid, kienet deċiżjoni naturali li din il-Knisja tiġi dedikata wkoll lil San Bastjan."

...

"Imma ċ-ċentru tal-kult modern ta' San Bastjan baqa' Ħal-Qormi fejn il-knisja tal-qaddis, li ġiet inawgurata fis-sena 1890, dlonk bdiet twettaq ħidma pastorali importanti. Il-Knisja ġiet imżejna bi tliet xbihat, pittura taż-żejt fuq it-tila, li juru waqtiet mill-ħajja ta' San Bastjan : it-titular li juri l- *Martirju tal-Vleġeġ* u żewġ kwadri laterali, wieħed ta' *San Sebastjan ifejjaq il-Morda* u l-ieħor ta' *San Sebastjan qed jgħammed,* ilkoll xogħol ta' Lazzaro Pisani (1854-1932). Fuq it-titular ktibt fit-tul fil-ktejjeb kommemorattiv li tħejja biex tfakkar il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-parroċċa ta' San Bastjan. Iż-żewġ kwadri laterali tneħħew fuq ordni ta' l-Isqof Pietro Pace u llum ħadd ma jaf x'sar minnhom.

➡P.7

**San Bastjan mgħejjun mill-anġli, xogħol tal-1951 ta' Manwel Borg Gauci."**



minn P. 5

Wara li l-Knisja saret parroċċa, il-Qriema mill-ewwel bdew jaħsbu biex issir statwa u kienu għaqlin biżżejjed li ma marrux għand statwarju kif ġieb u laħaq jew impurtaw vara tal-*mass production* mill-Italja jew xi post ieħor. Minn flok, ħallew f'idejn il-Kumitat Djoċesan għall-arti li, wara li nieda kompetizzjoni, għażel il-buzzett ta' artist żgħażugħ ta' ħila. Dan kien Ġorġ Borġ (1906-1983) li fl-1938 minn zokk tal-punent naqqax statwa virili li tista' titqies fost l-aħjar xogħlijiet ta' skultura figurattiva fl-injam, fuq skala monumentali, li saru għall-knejjes Maltin f'dan is-seklu. Ikun żball kbir jekk din il-vara tiġi sgraffita u ndurata żżejjed b'mod li titlef mill-qawwa tagħha. Ħafna vari fi knejjes oħra ġew irvinati b'dan il-mod.

Nagħlaq b'biċċa xogħol oħra ta' l-arti li għandha l-knisja monumentali ta' San Bastjan, li ninsabu miġbura fiha l-lejla. Dan hu l-altoriljiev maħdum fil-konkrit u ndurat li juri l-San Bastjan mitluq għal mejjet mgħejjun mill-anġli. Ħadmu l-iskultur qormi Manwel Borg Gauci (t.1911) fl-1951 u qabel ma tlestiet il-knisja, kien il-panew ċentrali ta' ventartal għall-artal ewlieni tal-kripta. Il-figura ta' San Bastjan hija ta' ispirazzjoni klassika u maħduma tajjeb ferm.

San Bastjan kien u għadu suġġett favorit għall-artist. Jalla, iżda li l-ħajja tiegħu tispirana biex nipproduċu mhux biss ħwejjeġ sbieħ ta' l-arti imma fuq kollox, biex nimxu fuq il-passi tiegħu fil-ħajja tagħna u bħalu ma nibżgħux niddefendu dak li nemmnu fih u ngħidu "Le!" għall-ħażen."

**Mario Buhagiar**
**5.1.86**


# JOSEPH AQUILINA

231, Victory Street - Qormi
Tel. 487394



## Għal kull kwalità ta' xogħol ta' metall

Gaġeġ tal-fniek u tat-tiġieġ, trunking u channels
għall-elettriku, landi għad-dulċiera,
ferro battuto, xogħol ta' ram, eċċ.
Nispeċjalizzaw fil-kostumi tas-suldati Rumani u
f'diversi oġġetti li jintużaw fil-purċissjonijiet.